MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 627/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**KEVIN CARUANA ta' 35 sena, iben Joseph u Ubaldesca nee' Bartolo, imwieled Tal-Pieta' nhar is-6 ta' Jannar, 1977, residenti fil-fond numru 10, Sqaq Nru 4, Triq San Pietru, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 143777M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsmemi **Kevin Caruana** li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Lulju, 2007, fil-Belt Valletta, volontarjmant ta n-nar lil bini, gharix, jew lok iehor, jew volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix, jew lok iehor, jew dan il-materjal, kien qieghed b'mod li jista' iqabbad il-hruq lil bini iehor, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa kien hemm xi persuna;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe' hsara fuq vettura tal-marka Morris Marina bin-numru tar-registrazzjoni HAI607, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50.00) ghad-dannu ta' Antoine Abela minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe' hsara fuq mutur tal-marka Yamaha V80 bin-numru tar-registrazzjoni FBM896, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50.00) ghad-dannu ta' Paul Sciberras mill-Belt Valletta u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe' hsara fuq il-faccata tal-bini tal-fond bin-numru 14, Flat 1, Triq San Nikola, Valletta, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghad-dannu ta' Shirley Pace mill-Belt Valletta u/jew persuni ohra;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe' hsara fuq il-faccata tal-bini tal-fond bin-numru 140, Flat 3, Triq San Nikola, Valletta, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghad-dannu ta' Maria Lourdes Gauci mill-Belt Valletta u/jew persuni ohra;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe' hsara fuq bieb ta' garaxx bin-numru 142 fi Triq San Nikola, Valletta, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghad-dannu ta' Marika Camilleri mill-Belt Valletta u/jew persuni ohra;

7. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U finalment talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 9 ta' Marzu, 2007, f'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar.

Semghet ix-xhieda ta' Maria Lourdes Grima dwar il-fatt illi toqghod go 140, Flat 43, St Nicholas' Street, Valletta, li xehdet dwar nirien li kkagunaw foga u duhhan gol-fond imsemmi waqt illi hi kienet hemm rieqda ma' bintha, l-gharus taghha, u tifla ta' tlitt snin. Dan kien skondtha bejn it-3.15 u 3.30 sbieh is-Sibt ghal Hadd. Qalet illi f'darha spiccalha kollox minhabba l-foga sewda li dahlet tant illi ramiet kollox.

Paul Sciberras minn naha tieghu xehed illi fin-nirien kellu mutur ipparkjat sitt piedi 'l boghod, Yamaha zghir 100cc li sewa Lm100.00 (FBM896) li spicca total loss. Ra wkoll karozza mahruqa. Christopher Darmanin f'isem l-ADT ikkonferma li tali mutur kien fil-fatt ta' Paul Sciberras u li gie skreppjat fl-20 ta' Awwissu, 2007 (Dok CD folio 104).

Minn naha taghha Marika Camilleri xehdet dwar garaxx li ghandha fin-numru 142, St Nicholas' Street, Valletta. Sabet il-bieb tal-garaxx mahruq u quddiemu ezatt kien hemm karozza mahruqa.

Xehdet Shirley Pace dwar dan l-incident li waqt li kienet go Flat 2, ukoll gewwa St Nicholas' Street, semghet

“blum” (folio 96). Rat nar qisu tiela’ ghall-gallarija. In-nar meta harget barra, hareg minn go karozza. Dan gara waqt illi hi kienet rieqda. Qalet illi kellha l-gallarija taghha ghal barra, u minhabba li gol-gallarija kienet izzomm certi affarijiet, bhal iron board, buggy, saqqijiet, kellha ammont ta’ hsara ghax kellha tarmi kollox. Ikkalkulat li hsara kellha anke fuq Lm100.00 - dan biss ghax kellha tnaddaf il-hajt.

Stephen Nappa li joqghod Flat 8, ukoll 140, ikkonferma li ghandu kellu joqghod il-habib tieghu Toni ghal erbat ijiem, dan qallu li qabbdulu l-karozza u hargu ‘l barra mill-flat.

Xehed sid il-vettura mahruqa, certu Anthony Abela. Qal illi hu kellu suspett fl-imputat ghax kellu argument mieghu u fil-ghaxija inharqitlu l-karozza. L-argument ma’ Caruana kien ghax lil dan Caruana kienu kissrulu l-hgiega tal-karozza u l-istess Caruana kien issusspetta f’Nappa u dan ix-xhud, ghax kien sellef lix-xhud flus fuq mobile (folio 120). Qal illi kien anke cempillu u beda jghajru fuq it-telephone, umbaghad xi hmistax wara regghet tkissritlu l-hgiega.
Qal illi l-vettura kienet tiswa Lm150.00.

Xehdu wkoll Timothy Willie u Stephen Camilleri, membri tal-Protezzjoni Civili, li kkonfermaw li kienu marru fuq il-post u sabu vettura Marina taqbad u kkontrollaw in-nar.

PS 549 Pace ikkonferma li hu mar fuq il-post tal-incident u certu Anthony Abela - sid il-vettura mahruqa, kien qallu li kellu suspett fl-imputat. PS 187 Reuben Pace fid-data tal-incident kien mar jarresta lill-imputat, kien ikkonferma li kien ghadu kif juza l-karozza Peugeot AAM068, ghax kien ghad ghandha l-magna shuna (ghandu jigi nnutat li skond l-ADT din l-imsemmija vettura tappartjeni lil certu Joseph Caruana, folio 102).

Minn naha tieghu l-Espert imqabbad fl-Ingenera, il-Profs Alfred Vella, kien ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu (Dok AV folio 88) li n-nar tqabbad b’mod doluz (arson).

Il-Perit Arkitett Richard Aquilina, ukoll imqabbad bhala espert, ikkonkluda li l-hsara b'kollox kienet tammonta ghas-somma globali ta' Lm1,297.00.

Minn naha tieghu l-Ispettur Anthony Portelli kien ezebixxa l-istqarrija tal-imputat, Dok KC folio 33 et seq, mehuda fit-23 ta' Lulju, 2007. Qal ukoll fix-xhieda tieghu li meta fl-investigazzjoni kien kellem lill-mart l-imputat, din kienet qaltlu li kien ammetta maghha li kien haraq il-karozza ta' Toni (folio 31).

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':
a. Fl-Artikolu 325(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 7, 22, 23, 24, u 25 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi d-Difiza ddikkjarat li ma kellha ebda provi xi tressaq.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat, wara li semghet it-trattazzjonijiet:

Illi certament u bla dubbju, a skorta tad-decizjonijiet nostrana tal-Qorti Kostituzzjonali, l-istqarrija mehuda bhal dik li hemm ezebita fil-process, wahidha bla prova ohra, m'ghandhix issib ebda valur probatorju.

Lanqas ma jsib tali valur dak li xehed l-Ufficjal Prosekutur dwar dak li qaltlu mart l-imputat fi kwalunkwe stadju, dan johrog car jekk wiehed ihares biss lejn dak li jipprovdi l-Artikolu 633 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; allura l-Qorti ser tiskarta wkoll hawn dak li xehed l-Ispettur Anthony Portelli dwar dan.

Oltre dan, ftit izjed ghandha xi tghid din il-Qorti, hlief illi ma tezisti ebda prova diretta u ndiretta li tista' torbot lill-imputat ma' dan ir-reat;
Certament ghal dan non basta s-suspett ta' Anthony (Antoine) Abela, u wisq anqas li l-vettura tal-imputat kienet ghadha shuna wara r-reat meta marru ghalih il-pulizija.

Konsegwentement, qieghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------